

32005R2119

L 340/20

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

23.12.2005

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2119/2005**tat-22 ta' Diċembru 2005**

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 3175/94 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati tal-applikazzjoni għall-arranġamenti speċifiċi għall-provvista tal-prodotti taċ-ċereali u tal-għalf niexef lill-gżejjer iż-żgħar tal-Eġew u li jistabbilixxi bilanċ imbassar tal-provvista

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2019/93 tad-19 ta' Lulju 1993 li jintroduċi miżuri speċifiċi għall-gżejjer iż-żgħar tal-Eġew rigward ċerti prodotti agrikoli¹, u partikolarment l-Artikolu 3a(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2958/93² jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-implementazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2019/93 fir-rigward tal-arranġamenti speċifiċi għall-provvista ta' ċerti prodotti agrikoli għall-gżejjer iż-żgħar tal-Eġew u, permezz tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 2019/93, l-ammont tal-għajnuna għal dan il-forniment.
- (2) Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 2019/93, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3175/94³ jistabbilixxi it-tbassir tal-bilanċ tal-provvista tal-prodotti taċ-ċereali u tal-għalf niexef.
- (3) Il-bilanċ imbassar tal-forniment għandu wkoll ikun stabbilit għall-2006.
- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 3175/94 għandu jiġi emendat kif meħtieġ.
- (5) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma bi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat Konġunt tal-kumitati ta' ġestjoni rilevanti,

¹ ĠU L 184, 27.7.1993, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1548/2003 ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1).

² ĠU L 267, 28.10.1993, p. 4. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1548/2002 ĠU L 276, 12.10.2002, p. 22).

³ ĠU L 335, 23.12.1994, p. 54. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1548/2005 ĠU L 13, 13, 15.1.2005, p. 3).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 3175/94 jinbidel bl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2006.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Jannar 2005.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

ANNEX**'ANNEX**

Tbassir tal-bilanċ tal-forniment għall-gżejjer iż-żgħar tal-Eġew għall-prodotti taċ-ċereali u l-għalf niexef għall-2006			
(ftunnellati)			
Il-kwantità		2006	
Prodotti taċ-ċereali u għalf imnixxef li joriġinaw mill- Komunità Ewropea	Kodiċi NM	Gżejjer li jappartjenu lill-gupp A	Gżejjer li jappartjenu lill-gupp B
Ċereali tal-qamħ	1001, 1002, 1003, 1004 u 1005	9500	74000
Ix-xgħir ta' oriġini minn Limnos	1003	3000	
Dqiq tal-qamħ	1101 u 1102	10000	31000
Fdalijiet u skart mill-industrija tal-ikel	2302 sa 2308	9000	55000
Preparazzjonijiet tat-tip li jintużaw għall-għalf tal- animali	230920	2000	19500
Xnien u għalf deidratat għal tnixxif artifiċjali, permezz tat- tisħin jew mezzi oħra	12141000 12149091 12149099	3000	8000
Żerriegħa tal-qoton	12072090	500	500
Total tal-grupp		34000	188000
Total		225000	

Il-gruppi A u B huma definiti fl-Annessi I u II, tar-Regolament (KEE) Nru 2958/93.'